Innijiet ad unur San Gejtanu

# (4) **Innu lil San Gejtanu**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kif rajna diġà, hemm għadd sabiħ t'Innijiet li nkitbu f'ġieħ San Gejtanu minn poeti magħrufin Maltin. Kif rajna wkoll, għadd minnhom ġew saħansitra mmużikati minn surmastrijiet bħalm' huma Nani u Camilleri. Fost dal-innijiet insibu wkoll wieħed mill-pinna tal-Kanonku Dun Ġużepp Camilleri li kien deher fil-ktieb tal-festa li ħarġet il-parroċċa fl-1987 u li jinsab f'paġna 23. Permezz ta' dal-artiklu l-Innu qed jiġi ppreżentat mill-ġdid lill-qarrej, iżda mhux fil-forma poetika tiegħu, imma bħala xogħol li jista' jkollu wkoll il-valur intrinsiku tiegħu.

Kliem muftieħ: San Gejtanu, Ħamrun, Innu lil San Gejtanu, Dun Ġużepp Camilleri, Parroċċa San Gejtanu (Ħamrun), Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda tal-Mużika San Gejtanu (Ħamrun), Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni (Ħamrun), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun).

Nota biografika dwar l-awtur: Il-ftit tagħrif li stajt niġbor s'issa fuq il-qabbiel ta' dal-innu huwa dan li ġej: Dun Ġużepp kien jiġi ħu l-kbir ta' Dun Frans, il-magħruf poeta u ritrattista kbir tan-natura, u allura jiġi wkoll iben Ġanni Camilleri u Ġużeppa Barbara. Ta' min jgħid li, missieru Ġanni kien magħruf bħala "Tal-Isqof" peress li kien xufier ta' Dun Mawru Caruana, Isqof ta' Malta, u għamel xi żmien ukoll jaħdem fil-Kurja Arċiveskovili tal-Furjana. L-aħwa qassisin kellhom ukoll oħthom Bice li kienet miżżewġa lil ħu l-Professur Ġużè Aquilina, kittieb u studjuż mill-iprem. Dun Ġużepp kien Kanonku f'B'Kara u għallem il-Latin fil-Liċew.



Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis-poeta Naxxari

Bejn sunetti u poeżija vera: Għal Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis-poeta Naxxari tampar Dun Frans Camilleri, ħafna mill-hekk imsejħa għanjiet u innijiet mhumiex għajr sunetti li soltu kienu joħorġu bil-gzuz għall-okkażjoni ta' xi festa beltija/raħlija. Skontu, dawn kienu aktarx jinkitbu għan-nies li ma jifhmux fl-arti tal-kitba u li fihom kien jiddaħħal ħafna tifħir żejjed fuq il-qaddis/a jew belt/raħal twelidhom biex mingħalihom juru kemm jafu jqabblu fl-istrofi u b'hekk jaqilgħu l-prosit mingħandhom. Iżda għal Dun Anton Xiberras, 'il-poeżija vera hi dik magħmula minn versi b'ritmu sħiħ u mexxej, bla kliem żejjed li jtaqqal u jfixkel, bil-ħsieb ewlieni li jaħkem mill-bidu sat-tmiem'.[1] Dun Frans Camilleri huwa tal-istess fehma meta fil-kelmtejn qabel tal-ktieb 'Innijiet' (1948) jgħid li dawn 'iridu jkunu sempliċi kemm fit-tifsir tal-ħsebijiet kif ukoll fil-għażla tal-kelma li trid tkun ukoll popolari'. Nisħajjel li xi ftit jew wisq Dun Ġużepp qagħad fuq dak li kellu x'jgħidlu ħuh Dun Frans qabel mal-Innu tiegħu mar għall-istampa.

'Innu lil San Gejtanu' ismu miegħu, għax hu poeżija fil-forma t'innu għal biex jitkanta. Dan għaliex wara kull strofa nsibu r-ritornell. Iżda, jekk qattx dejjem dal-innu ġie mmużikat, mhux magħruf min seta' kien dak il-kompożitur li ħoloq il-melodija fuq dal-versi. B'kollox, l-innu fih disa' strofi bil-vers tat-tmienja (ottonarju) u s-soltu rima a-b-ċ-b. Il-kant tal-istrofi huwa mbejjen bir-ritornell li min-naħa tiegħu jħaddem il-vers tas-sitta (senarju). Mużikalment, dal-Innu huwa magħdud b'wieħed strofiku peress li l-strofi aktarx jitkantaw kollha fuq l-istess melodija, kif wara kollox huma l-biċċa l-kbira tal-innijiet popolari. M'għandniex xi ngħidu li ftit huma dawk l-innijiet miktubin fl-istil hekk imsejjaħ *through-composed*. Dawn ikun jridu ħafna aktar ħidma għal biex

[1] 'Frott il-Għaraq': Poeżiji. Ġabra 'Marija Bambina' – 8 (1947), p. 3. Arkivju Parroċċa Naxxar.

jintgħallmu mill-popolin, li fil-biċċa l-kbira tiegħu jimxi biss bl-udit u minn dak li tiddettalu l-memorja.

Ngħaddu issa biex ngħidu xi ħaġa wkoll dwar il-ħsieb tal-poeżija:


INNU LIL SAN GEJTANU

1. Il-qaddis tal-Provvidenza
Insejħulek ferħanin
U bil-kobor ta' qdusitek
Insellmulek imsaħħrin.

Rit: Għallimna, Gejtanu,
Kif nogħġbu 'l-Mulej
Għax tiegħu minn dejjem
Kont umli qaddej.

2. Għax Int qatt ma ħabbilt rasek
Ħlief biex togħġob 'l-Mulej
U biex tqawwi s-Saltna tiegħu
Li ġab fl-art Ġesù l-Feddej.

Rit: Għallimna, Gejtanu.

3. Int stmerrejt l-għana qarrieqi
U l-ġid kollu ta' din l-art,
Għax biex timxi wara Sidek
L-hena fieragħ dlonk kasbart.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

4. Biex ixxandar l-Evanġelju
Dort l-Italja bla serħan,
U bil-kelma mheġġa tiegħek
Ħafna erwieħ kisbu l-fejqan.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

5. X'tama kbira kellek f'Alla
-Biex ħallejt kollox f'idejh!
Ħsiebek biss kif togħġob lilu
U kif tressaq l-erwieħ lejh.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

6. Int tgħallimna nħobbu 'l Alla
Għaliex Hu missier ħanin,
Li kif jgħajjex lill-agħsafar
Jieħu ħsieb tagħna l-bnedmin.

Rit: Għallimna, Gejtanu.

7. Kemm Int ħelu, San Gejtanu,
B'ħarstek ġwejda, għarrkuptejk,
Biex minn għand il-Verġni Mbierka
Il-Bambin tieħu f'idejk.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

8. Ħaddnu miegħek u iftaħ qalbek
Ma' Ġesù li tant ħabbejt;
Għidlu li t-tbissima tiegħu
Qed tnissik kull ma batejt.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

9. Għidlu wkoll li aħna wliedek
U li f'xejn ma nittamaw
Ħlief li wara din il-ħajja
Wiċċ imb'wiċċ lilu naraw.

Rit: Għallimna, Gejtanu,

HAMRUN — KAN. DUN GUŻEPP CAMILLERI

Strofa 1: Kif mistenni, il-poeta jibda billi jsejjaħ lil San Gejtanu bħala '*Il-qaddis tal-Provvidenza*'. Il-membri tat-Teatini kienu għażlu li jgħixu biss 'b'dak li l-Provvidenza tipprovdilhom bil-kontribuzzjonijiet tal-fidili minn rajhom'.[2] Il-qdusija tal-Qaddis tant hi kbira li l-poeta msaħħar ma jistax ma jsellimlux.

Strofa 2: Għax għal S. Gejtan l-uniku missjoni f'ħajtu kienet li jogħġob biss 'l-Mulej u li jqawwi s-Saltna tiegħu li Ġesù Feddej ġieb fuq dil-art.

Strofa 3: Hi forsi waħda mill-istrofi l-aktar poetiċi fl-Innu kollu bil-vrus bħalm' huma: '*Int stmerrejt l-għana qarrieqi*' u '*L-hena fieragħ dlonk kasbart*'. Il-Qaddis għażel li jwarrab kull ġid materjali biex ikun jista' jimxi wara Sidu.

Strofa 4: Kif nafu, S. Gejtan mhux biss f'Vicenza, raħal twelidu, mar biex ixandar l-Evanġelu, imma dar l-Italja, speċjalment fin-naħa ta' fuq fejn hemm Verona u Venezja, kif ukoll il-belt kapitali, Ruma.

Strofa 5: Il-poeta jkompli fuq l-istess tema taċ-ċaħda. Bit-twaqqif tal-Kjeriċi Regolari; S. Gejtan issa seta' aktar minn qatt qabel 'jgħaqqad flimkien l-ispirtu ta' ħajja monastika max-xogħol appostoliku tal-ministeru tal-qrar u tal-predikazzjoni'[3] bil-għan li jressaq l-erwieħ lejn Alla.

Strofa 6: Minn dil-istrofa 'l quddiem, l-innu jieħu ton differenti, u filwaqt li jħalli l-parti storiko-bijografika tal-Qaddis, jieħu xejra aktar spiritwali minn qatt qabel. Infatti, f'dil-istrofa l-poeta jagħraf fil-Qaddis dik il-persuna li tista' tgħallimna kif inħobbu 'l Alla, deskritt bħala '*missier ħanin*' u '*li kif jgħajjex lill-għasafar / Jieħu ħsieb tagħna l-bnedmin*'.



Santa sabiħa bix-xbieha tal-Qaddis tal-Providenza

L-aħħar tliet strofi jorbtu ma' xulxin, bl-istess ħsieb jgħaddi minn waħda għall-oħra. Fis-seba' strofa l-poeta jiddeskrivi f'żewġ kelmiet bil-għaqal il-viżjoni mistika li kellu l-Qaddis meta rċieva lill-Ġesù tarbija minn idejn il-'*Verġni Mbierka*' dakinhar tal-ewwel quddiesa tiegħu fil-Milied fil-Knisja ta' Sta. Maria Maggiore. Hawn il-poeta bħal jirromantiċizza dal-waqt bil-versi '*Kemm Int ħelu, San Gejtan / B'ħarstek ġwejda, għarkupptejk*'.

Strofa 8: U kif S. Gejtan ikun bil-Bambin f'idejh, il-poeta jgħidlu biex iħaddnu miegħu u jiftaħ qalbu ma' dak Ġesù li tant ħabb. Jgħidlu wkoll biex jgħid lil Ġesù li t-tbissima tiegħu nessiet lill-Qaddis kull tbatija.

Strofa 9: Il-poeta jitlob ukoll biex il-Qaddis jgħid lil Ġesù Bambin li hu, u aħna miegħu, ukoll niġu wliedu, u li l-uniku tama tagħna hi li wara dil-ħajja narawH wiċċ imb' wiċċ.

[2] Patri A. Busuttil: Il-Ħajja tal-qaddisin, Vol. 3.
[3] *Idem*.

Ir-Ritornell hu l-qofol ta' kull għanja u għaldaqstant vrusu jitkellmu weħidhom: *Għallimna, Gejtanu,* / *Kif nogħġbu 'l-Mulej* / *Għax tiegħu minn dejjem* / *Kont umli qaddej.*

Nawgura l-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha.